MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Avviz Numru. 161/2010

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**
**a tenur tal-Artikolu 466(1) Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**
**VS**
**Is-Socjeta’ Kummercjali**
**E.F. Service Station Limited (C-28712)**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta’ rikorrenti wara li ppremetiet:

1. Illi dan ir-rikors qed jigi prezentat a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 466(2) tal-Kap.12 Tal-Ligijiet ta’Malta.

2. Illi s-socjeta’ rikorrenti E. F. Service Station Ltd (C 28712) qieghda, permezz tar-rikors odjern, topponi t-talba maghmula fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas tas-somma ta’ ghaxart elef, erba’mija u ghaxar Ewro (€10,410) bhala likwidazzjoni finali u

konklusiva ta’ taxxa fuq dokumenti u trasferimenti stante li-

(i) Is-socjeta’rikorrenti kienet opponiet ghal din it-talba skond il-Ligi;
u
(ii) l-ammont mitlub mhuwiex dovut stante illi l-prezz indikat in rigward tal-bejgh u trasferiment tal- plots 15,16 u 17, Tal-Fossi, limiti ta’ Hal Qormi huwa L-prezz gust u reali

3. Illi wkoll, f’kull kaz, il Kummissarju tat- Taxxi Interni jrid jaghti prova illi giet segwita u applikata debitament il-procedura kollha stabbilita fl-artikoli 60 *et sequitur* tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi s-socjeta’ rikorrenti titlob umiilment lil din l-Onorabbli joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni talvolta mehtiega u necessarja, in vista tal-oggezzjoni illi qed issir permezz tar-rikors odjern entro t-terminu validu prefiss mill-Ligi, tiddikjara illi d-dikjarazzjoni maghmula u mahlufa quddiem ir-Registratur tal-Qorti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-20 t’April, 2010 m’ghandhiex ikollha effett daqslikieku kienet gudikat tal-Qorti kompetenti, u dan dejjem salv kull ordni u provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun l-aktar xieraq u opportun.

Rat id-<u>digriet </u>taghha preliminari moghti fil-5 ta’ Mejju 2010 (fol 12 ibid)
Rat ir-<u>risposta</u> tal-intimat (fol 4 et seq ibid) u li biha espona bir-rispett;
Illi l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tas-socjeta rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:
1. Illi fl-ewwel lok u b’ referenza ghall-paragrafu 2 (i) tar-rikors promutur, mhux minnu li s-socjeta rikorrenti

kienet opponiet ghall-Avviz ta' Likwidazzjoni tat-12 ta'Awissu 2008;

2. Illi fit-tieni lok u b'referenza ghall-paragrafu 2(ii) tar-rikors promutur, il-likwidazzjoni tat-taxxa fl-ittra ufficjali ta l-20 ta' April 2010 u Avviz ta' likwidazzjoni maghha anness u mmarkat 'Dok B' hija ormaj finali u konklussiva ai termini ta' l-artikolu 60 tal-Kap 364 u bid-dovut rispett din l-Onorabbli Qorti mhijiex vestita bil-kompetenza li tissindaka l-quantum hemm indikat kif qeghda tippretendi l-kumpanija rikorrenti fir-rikors promotur, liema sindikar jista' jsir biss *a tempo debito* skont il-procedura stipulata fil-Kap 364 u cjoe' tramite Oggezzjoni lill-Kummisarju tat-Taxxi Interni kif jipprovdi l-artikolu 56 ta' l-imsemmi Kap 364, Appell lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva minn Avviz tar-Rifjut ta' Oggezzjoni tal-esponent fi zmien tletin (30) gurnata skont l-artikolu 58 tal-Kap 364 u Appell lill-Qorti tal-Appell fi zmien tletin (30) gurnata ai termini tal-artikolu 59 tal-imsemmi Att;

3. Illi fit-tielet lok, l-artikolu 61 tal-Kap 364 jaghmilha cara li *fino a prova contraria* l-avviz mibghut permezz tal-posta registrata ghandu jitqies li gie notifikat mhux iktar tard mit-tielet jum wara d-data li jigi impostat. M'hemmx dubju allura li l-oneru tal-prova li ma gietx applikata debitament xi procedura stabilita fil-Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta tinkombi fuq is-socjeta' rikorrenti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni inhadem skont il-ligi u huwa dovut fl-intier tieghu;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponent bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat il-lista ta’ dokumenti esebiti a fol 5 ibid u l-istess dokumenti a fol 6 sa fol 15 ibid.
Rat l-atti kollha tal-kawza.
Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat.**

Illi l-fatti in esami, fil-qosor huma s-segwenti;
B’referenza ghall-bejgh tal-propjeta’ immobbli nvoluta (ara fol 6 et seq ibid), is-socjeta’ rikorrenti kienet irciviet in-notifika ta’ likwidazzjoni li tinsab a fol 10 ibid bit-taxxa addizzjonali hemm specifikati stante li l-valur bil-prezz specifikat fl-att pubblikat u relattiv ma giex accettat, anzi gie mizjud mill-intimat. Kif xehed, kemm f’isem is-socjeta’ rikorrenti Francis Fenech (fol 36 ibid) kemm in-Nutar l-Onorevoli Charles Mangion (fol 33 ibid) u l-istess avviz kien wasal ghand is-socjeta’ rikorrenti, li Francis Fenech kien ikkonsulta ruhu mall-istess Nutar u li dan fl-ahhar qal “definittivament niftakar li f’dan il-kaz, wara li gie jkellimni Francis Fenech u ddiskutejt mieghu, kienet saret l-oggezzjoni” u “wara li nipprepara l-‘objection’ nimpustaha ….” permezz ta’ terza persuna. L-istess Nutar spjega l-ghala kien impossibbli ghalih biex jintraccja l-istess oggezzjoni u li ma kienx ircieva xi ‘acknowledgement’ dwar l-istess. Min-naha tal-intimat gie prodott Ivan Portelli (fol 39 u fol 40 ibid) u dan xehed, li wara li kien ghamel ricerka fis-‘sistema’ li tintuza mill-intimat ma’ sab l-ebda tracca ta’ din l-oggezzjoni, liema sistema tinkludi wkoll l-uzu ta’ kaxxa tal-posta (“P.O Box”) bil-posta tingabar minn messagier li jehodha fil-Furjana minn fejn tingabar minn messagier iehor sabiex tittiehed f’post iehor.

**Ikkunsidrat.**

Illi wara li qieset dak premess il-Qorti ma setghetx tasal ghall-konkluzjoni li filfatt, ma saritx l-oggezzjoni u li l-istess oggezzjoni ma gietx impostatat lill-intimat entro it-terminu skont il-ligi. Fl-isfond ta’ dan u minhabba li l-istess Qorti ghandha dubbju fondat dwar dan il-punt jkun opportun li s-socjeta’ rikorrenti tinghata l-opportunita’ sabiex entro z-zmien stabbilit mill-ligi taghmel oggezzjoni ghall-avviz ta’ likwidazzjoni li hi xtaqet tikkontesta u dan skont l-artikolu 56 tal-Kapitlu 364 citati.
Ghal dawn il-motivi l-Qorti, b’referenza biss ghall-ewwel (1) premessa kif risultanti mir-rikors promutur tiddeciedi dan ir-rikors billi taghti il-fakolta’ lis-socjeta’ rikorrenti

sabiex entro t-termini ta’ tletin (30) jum mil-lum stess, jaghmel l-oggezzjoni skont il-ligi sabiex ikun jista’ jikkontesta l-avviz ta’ likwidazzjoni in esami waqt li tastjeni milli tiehu konjezzjoni tal-premessi l-ohrajn risultanti mill-istess rikors.

In rigward l-ispejjez ta’ din il-procedura, fic-cirkostanzi tal-kaz dawn ghandhom jithallsu mis-socjeta’ rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------